# IS-SENTIMENT RELIĠJUS FIL-KLIEM U FIL-GĦIDUD MALTI

**MIRJA** :—

## 3. FUQ IL-ĦAJJA :—KLIEM U GĦIDUD

*(jorbot ma' l-Għadd ta' qabel)*

1. "*Bil-qaddis*"—Għidud biex infissru xi ftehim bil-moħbi bejn tnejn min-nies jew iżjed. "Kienu bil-qaddis," igħidu xi wħud meta jaraw tnejn jiltaqgħu f'ħinijiet imwegħra u f'postijiet imwarrba li ma tifhemx li dik il-laqgħa setgħet issir bla maħsuba.

Dan il-għidud għandu l-bidu tiegħu fid-drawwa tad-dejma—suldati tal-għassa tax-xtut ta' Malta, fi żmien il-Kavaljieri, u għandu mn'ejn qabel ukoll,—illi jatu bejnithom isem ta' xi qaddis biex jingħarfu, u biex jintebħu jekk xi ħadd li ma kienx minn tagħhom kien jaħbat jersaq lejn it-torri tal-għassa.

2. "*Santu Kruċ*" =(Croce Santa=Salib imqaddes)—Kien hekk jissejjaħ saħansitra fi tfuliti l-alfabett, u dan għaliex, misserijietna, bħal ma kienu jibdew kull xogħol ma tul il-jum bir-radda tas-salib, hekk ukoll fuq l-apparat ta' l-alfabett, li hu l-ewwel pass fit-tagħlim ta' l-itfal, kienu jpinġu s-salib.

Il-lum għadna kulltant insejħulu hekk, imma aktarx b'xi ħlieqa jew b'xejra ta' ironija; b. k. "It-tifel mexa ħafna l-quddiem, għaddieh kollu l-ktieb tas-Santu Kruċ.

3. "*Rhieb ta' San Ġwann*"—B'dan l-isem il-Maltin kienu jsejħu lil dawk li l-lum drajna nsejħu "Kavalieri ta' San Ġwann, jew Kavalieri ta' Malta"

In-nies li kienet tidħol fl-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, li maż-żmien issejjaħ ukoll "ta' Malta," kienu jirtabtu għal dmir reliġjuż u għal dmir militari. Imħabba fl-ewwel wieħed, huma kienu jwegħdu bil-kbir illi jgħixu għożżieb, u miġbura fil-kunventi tagħhom; imħabba fit-tieni kienu jwegħdu li jiddefendu bl-armi r-Reliġjon, lill-Knisja u lill-Papa mill-infidili, u li jaqbdu l-armi kull meta jkun jinħtieġ.

Id-dmir ta' l-ewwel lil dawn in-nies kien jagħmilhom "Rhieb," għax il-kelma Raheb tfisser "wieħed li jgħaddi ħajtu safja, għożba, u mwarrba." Id-dmir tat-tieni kien jagħmilhom "Kavalieri," għaliex kienu jitħarrġu l-aktar fir-rkib taż-żwiemel u fil-ġlied bil-lanza.

Nistgħu ngħidu li fl-ilsna kollha fit-tiswir ta' isimhom rebaħ it-tieni ħsieb u sejħulhom "Kavalieri ta' San Ġwann." Fil-lsien malti rebaħ l-ewwel ħsieb—ir-reliġjus—u sejħulhom "Rhieb ta' San Ġwann." Iżda l-lum daħlet fostna wkoll il-għada li nsejħulhom Kavalieri, u wieħed jista' jaħseb kif u għaliex.

**Dun Karm.**